**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 34 – IT-TLIETA, 25 TA' APRIL 2017 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Salvatore Mousu | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | | |
| | Alfred Mangion | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 33**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 2.9 għandha tinbidel għal ''it-tabella għandha tiċċaqlaq f'pożiżżjoni oħra''.

1.2 Is-Sur Stefan Bonello Ghio ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti**

2.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-minuta fil-paragrafu 2.9. Dr Frank Bartolo staqsa meta ser tiċċaqlaq it-tabella. Ġiet innutata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv, fejn il-membri ġew infurmati li din it-tabella mhux ser tiċċaqlaq u jekk qed joġġezzjonaw, għandhom jirreferu dan il-każ lid-Direttur tad-DLG. Kien hemm qbil li din il-materja tiġi konkluża u magħluqa.

**3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

3.1 Ġiet innutata r-riżenja tas-Sur Simon Ellul Sullivan mill-KAC kif ukoll il-ħatra tas-Sur Salvatore Mousù minfloku. Il-Kumitat irringrazzja lis-Sur Ellul Sullivan għall-ħidma tiegħu kif ukoll awgura lis-Sur Mousù l-ħidma tiegħu fil-KAC. Dan espremieh ukoll is-Sur Robert Vella Bonnici.

3.2 Iċ-Chairman informa lill-Kumitat bil-laqgħa li kellu mal-Management taċ-Chiswich House School flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fis-17 ta’ Marzu 2017. Il-materji li ġew diskussi f’din il-laqgħa nkludu t-traffiku, ġenituri, ix-xogħlijiet li saru fil-bankini kif ukoll l-intenzjoni tal-iskola li tiċċaqlaq mill-post li tinsab fiha bħalissa.

3.3 Kien hemm diskussjoni dwar ix-xogħlijiet li saru fuq il-bankini fi Triq Antonio Schembri. Kien hemm qbil li issa jsiru d-dropper curbs fil-parti l-oħra ta’ Triq Antonio Schembri.

3.4 Kien hemm diskussjoni fuq l-istemma proposta mill-KAC fl-2012. Kien hemm qbil li din għandha tiġi riveduta mis-Sur Salvatore Mousù u terġa’ tiġi diskussa fl-laqgħa oħra.

**4 Affarjiet oħra**

4.1 Kien hemm qbil li t-triq il-ġdida fi Triq Wied Għollieqa tiġi ssuġġerita li tissemma Triq il-Primavera, li hu għasfur.

4.2 Is-Sur Mousùilmenta li hemm siġra fi Triq il-Gardell kantuniera ma’ Triq G Despott li qed timblokka l-bankina. Kien hemm qbil li din għandha tinqata’.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 23 ta' Mejju 2017 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Stefan Bonello Ghio**<br>**Chairman** |